# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 118/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Arthur Mercieca)

vs

**Nazzareno Abela**

iben Francesco, imwieled iz-Zejtun, fid-9 ta' Mejju, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 341161(M)

Illum, 24 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Nazzareno Abela quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-27 ta' Settembru, 2012 u fil-granet ta' qabel bhala persuna li fuqu hija licenzjata l-kumpanija Cancu Supreme Travel li tinsab gewwa Triq il-Kastellan, Zejtun:

biegh jew offra ghall-bejgh jew xorta' ohra qieghed fuq is-suq kumbustibbli diesel li kien fih l-ammont ta' Sulphur aktar minn dak stipulat bil-ligi cioe' ta' 10mg ghal kull kilo.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Nazzareno Abela mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tat-8 ta' Marzu, 2013 fejn talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti manifestament ghamlet enucjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-Ligi kif ukoll ma ppermettitx waqt il-kawza lill-Prosekuzzjoni tressaq prova ndispensabbli li kienet ammissibli skont i1-ligi. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(vi) u 413 (1) (b) (iv) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lill-Ing. Anthony Rizzo in veste tieghu bhala Kap Ezekuttiv tal- Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi fejn dan xehed fuq l-ittra li hu baghat lill-Pulizija sabiex jinfethu proceduri kontra l-appellat Nazzareno Abela. Illi l-prosekuzzjoni talbet illi jinhatar espert mill-Qorti sabiex jkun jista janalizza d-diesel in kwistjoni izda l-Qorti ddecidiet illi stante li din kienet kawza sommarja cahdet it-talba u konsegwentament illiberat lill-appellat.

Illi l-prosekuzzjoni kienet gustifikata li taghmel tali talba sabiex jigi konfermat jekk tali fuel tat-tip diesel kienx jikkontjeni 'sulphur content' iktar minn dak rikjest mill-ligi. Illi ciononostante u in oltre jekk wiehed jaghmel referenza ghad-dicitura tal-ligi senjatament l-artikoli 374 u 375 tal-Kodici Kriminali mhuwiex specifikat f'ebda mod illi l-provi f'kawza sommarja iridu jinstemghu f'seduta wahda biss u dan peress li l-ligi tghid biss illi 't- tmexxija tal-kawza ghandha ssir fil-

qosor u bil-forom u fl-ordni ... [1]' kif preskritt f1-artikolu 374 b'applikazzjoni ukoll ghall-artikolu 375[2]. Kwindi filwaqt li huwa rikonoxxut li l-kawza sommarja m'ghandiex idum tkaxkar inutilment (ergo it-terminu sommarja) il-ligi ma tispecifikax li kull prova trid bilfors tinstema f'darba allavolja hekk ikun desiderabbli.

Illi in oltre jekk naraw anki l-artikolu 377(1) tal-Kodici Kriminali li tittratta l-ghoti tas-sentenza f'kawza sommarja jinghad li 'meta jinghalaq is-smigh tal-kawza[3], il-Qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' ikun[4],taghti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'. Huwa interessanti li wiehed jinnota li d-dover legali huwa mpost principalment fuq il-Qorti li tkun qed tippresjedi fir-rigward tal-ghoti tas-sentenza u in oltre dan mhux b'mod stringenti (jekk jista jkun). Effettivament allura filwaqt li l-Qorti tinstab inkuraggata li taghti sentenza fuq kawza sommarja dak inhar li jinghalqu l-provi dan ghandu jsir biss jekk possibbli da parti tal-Qorti. Fil-fatt, dan il-punt tqajjem fil-kaz Pulizija vs Frank Borg deciza mill-Imhallef Harding fejn b'referenza ghal din id-disposizzjoni li dak iz-zmien kien l-artikolu 389 tal-Kodici Kriminali ' .. l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliciment biex ikun impost fuq il-gudikant l-obbligu tad-decizjoni sollecita tal-kawza, u ghaliex ma hemmx xejn li jimpedixxi li ghal raguni gusta, anki mill-Qorti 'marter proprio' jerggha jinfetah is-smiegh, sija pure biex titibiddel l-imputazzjoni ... [5]'. In oltre u in sostenn ta' dan l-argument jirrizulta li mid-dicitura ta' din id-disposizzjoni, dan id-dover jew obbligu jiskatta meta' l-provi jinghalqu li kwindi ma tindika f'ebda mod li dawn il-provi kellhom jinstemghu ukoll u ilkoll fl-istess jum li inghatat is-sentenza.

---

[1] Artikolu 374(i): (i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu jesponi l-fatt tar-reat u jgib il-provi tieghu:
(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu jaghmel id-difiza tieghu u jgib il-provi tieghu

[2] Artiklu 375(c): l-ufficjal tal-Pulizija Ezekuuiva, li bih titmexxa l-azzjoni, u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu, jinstemghu fl-ordni msemmi fil-paragrafu (i) tal-ahhar artikolu qabel dan;

[3] Enfazi tal-appellant.

[4] Enfazi tal-appellant.

[5] 6 ta' Marzu 1954, Imhallef Onor. Or. W, Harding, B, Litt, LL.D, il-Pulizija vs Frank Borg. Qorti tal-Appell (ir-Raba Parti).

ii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tieghu jista "jaghmel kontra-replika:

Izda l-Qorti tista " ghal raguni tajba, tqassam xorta ohra l-ordni tas-smigh tal-kawza;

Illi in oltre il-Prosekuzzjoni kienet gustifikata ukoll li titlob li jinhatar espert mill-Ewwel Qorti minhabba l-fatt illi l-Qrati taghna sostnew diversi drabi illi f'kazijiet simili ta' dan li qed jigi trattat il-Qorti ma tistax tistrieh fuq ir-rizultati li tipproduci l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi u dan minhabba il-fatt illi li kieku l-prosekuzzjoni resqet bhala xhud il-persuna li ghamlet l-analizi fuq tali fuel l-Qorti ma setatx toqoghod fuq ix-xhieda ta' tali persuna biss. Dan minhabba il-fatt illi hija prattika sancita mil-ligi li xhieda ordinarja u cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu biss jiddeponu fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom.

Illi wiehed ghandu jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta mill-iMhallef l-Onor.Joseph Galea Debono fl-ismijiet Il-Pulizja vs. Renard Cassar datata 24 ta' Settembru 2009 fejn il-Qorti sostniet illi f'kazijiet bhal dan illi qed jigi trattat l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi kellha titlob lil-Pulizija li tinfetah inkjesta sabiex jigi mahtur espert mill-Qorti. Izda l-Qorti ziedet tghid illi fl-eventwalita li dan ma jsirx u cioe' ma jinhatarx espert mill-Magistrat Inkwerenti il-Prosekuzzjoni ghandha dejjem il-possibilta' li titlob lill-Ewwel Qorti sabiex jigi nominat espert sabiex indipendentement mill-analizi li tkun saret tali espert janalizza l-istess kampjun. Di fatto, huwa ghalhekk illi l-Awtorita pprelevat tlett kampjuni u dan sabiex wiehed minnhom jinzamm mill-appellat, l-iehor isiru l-analizi mehtiega min-naha ta' l-Awtroita u l-kampjun l-iehor isir l-analizi fuqu min-naha tal-espert nominat mill-Ewwel Qorti.

Ghaldqastant jigi ribadit il-fatt illi l-Prosekuzzjoni kienet gusifikata li taghmel tali talba u l-Ewwel Qorti in vista anke ta' dak li ntqal f'kawzi simili precedenti kellha tilqa tali talba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li saret spezzjoni da parti ta' l-ispetturi tal-Enemalta fil-pompa tal-appellat. Jirrizulta li l-Ing. Anthony Rizzo kitbet lill-Ispettur tad-Distrett taz-Zejtun u gharrfu b'dak li sabu. F'din l-ittra li ggib id-data tal-11 ta' Ottubru, 2012 jaghmel referenza li l-ispezzjoni saret fil-gurnata tas-27 ta' Settembru, 2012 u jitlob li tinfetah inkjesta bil-Magistrat. Milli jidher il-pulizija ma tax kaz ta' din it-talba u l-appellat gie notifikat bir-reat li hu allegatament wettaq permezz ta' citazzjoni tat-3 ta' Dicembru, 2012.

Illi l-aggravju tal-Avukat Generali, appellant, hu dwar il-fatt li l-ewwel Qorti kellha tilqa t-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hatra ta' espert kimiku fil-mori tal-kawza u specifikatament fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2013.

Illi l-ewwel Qorti cahdet it-talba minhabba l-fatt li l-kawza kienet wahda ta' natura sommarja.

Illi l-Ing. Anthony Rizzo kien talab lill-pulizija ghal-ftuh ta' inkjesta bil-Magistrat a bazi ta-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Renard Cassar' deciza fl-24 ta' Settembru, 2009 fejn il-Qorti ghamlitha cara li l-ahjar 'course of action' f'dawn il-kazijiet hu li tinfetah inkjesta bil-Magistrat izda jekk dan ma jsirx il-Prosekuzzjoni tista' titlob il-hatra ta' espert fil-mori tal-kawza.

Illi f'dan il-kaz it-tieni opzjoni giet ezercitata mill-Prosekuzzjoni u tali talba ma gietx milqugh, fil-fehma ta' din il-Qorti, erronejament.

Illi madankollu l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu li jkompli tressaq il-provi taghha. Jidher illi l-prosekuzzjoni strahet fuq l-ittra u ix-xhieda tal-Ing. Anthony Rizzo. Din il-prova mhiex bizzejjed biex tirradika responsabilita' kriminali. Il-prosekuzzjoni kellha d-dover tressaq bhala xhieda l-ispetturi li elevaw il-kampjuni fil-pompa tal-appellat. Kellha tezebixxi l-istqarrija tal-appellat, jekk fil-fatt ittiehdet. Kellha tressaq min ghamel l-analizi tal-kampjuni. Fi fitit kliem ma sar xejn minn dan kollu. Kien l-obbligu tal-prosekuzzjoni taghmel dan kollu u mill-verbal

tas-seduta tal-21 ta' Frar, 2013 ma jirrizultax li saret talba biex ikomplu jinstemghu xi xhieda u dan il-fatt gie rilevat mill-ewwel Qorti.  Il-fatt li dik it-talba partikolari ma gietx milqugh ma kienx ifisser li l-appellat kien ser ikun liberat mill-ewwel Qorti.  Kieku l-prosekuzzjoni ressqet il-provi li kellha a dispozizzjoni taghha l-ezitu tal-kawza seta' kien iehor.

Illi llum din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-konkluzjoni milqugh mill-ewwel Qorti ghalkemm ghar-ragunijiet differenti kif gie mfisser hawn fuq.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.